MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 282/2005

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR ANTHONY PORTELLI)**
**(SPETTUR JOHANN FENECH)**

**VS**

**ANTHONY CURMI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anthony Curmi ta’ 23 sena, iben Alfred u Mary nee’ Spiteri imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Jannar 1982 u residenti “Ta’ Xbiex Farmhouse”, Triq l-Imdina, Kirkop u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 162982(M) gie quddiemha akkuzat talli:

B’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

1. Bejn id-9 u l-10 ta’ Ottubru 2004 gewwa z-Zurrieq f’ xi hin fil-ghaxija waqt li kien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm 100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) mill-fond 119, Triq il-Kbira, iz-Zurrieq ghad-dannu ta’ Caterina Gauci miz-Zurrieq, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u valur;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil-bieb ta’ l-imsemmi fond, liema hsara taccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma taccedix l-hamsin lira Maltin (Lm50) u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmija Caterina Gauci;

3. Nhar it-8 ta’ Dicembru 2004 gewwa l-Mqabba f’ xi hin wara nofs in-nhar waqt li kien ma persuni ohra, ikkommetta serq ta’ Lm100 u curkett tad-deheb valur mhux maghruf mill-fond 102, Triq Santa Katarina, Mqabba ghad-dannu ta’ Paul Debattista mil-Mqabba, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil-bieb ta’ l-imsemmi fond, liema hsara taccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma taccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50) u dan sar ghad-dannu tal-imsemmi Paul Debattista;

5. Nhar il-21 ta’ Dicembru 2004 gewwa z-Zurrieq f’ xi hin matul il-gurnata waqt li kien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) u oggetti ohra mill-fond no.1,Trejqet il-Barrieri, Zurrieq ghad-dannu ta’ Clara Zammit miz-Zurrieq, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur;

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe’

hsara fil-bieb ta’ l-imsemmi fond, liema hsara taccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma taccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50) u dan sar ghad-dannu tal-imsemmija Clara Zammit;

7. Gewwa Hal-Luqa f’ xi hin bejn 7:15 ta’ filghaxija tad-9 ta’ Ottubru 2004 u s-1:15 ta’ filghodu ta’ l-10 ta’ Ottubru 2004 waqt li kien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) u oggetti tad-deheb mill-fond no. 183, Triq il-Gdida, Hal-Luqa ghad-dannu ta’ Carmel Magri minn Hal-Luqa, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-valur u bil-hin;

8. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil-bieb ta’ l-imsemmi fond, liema hsara taccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma taccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50) u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmi Carmel Magri.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta’ April 2005 (esebit a fol. 30 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta’ April 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz odjern jirrigwarda erba’ incidenti separati ta’ serq u hsara volontarja li huma is-segwenti:-

1. Serq u hsara volontarja li saru fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Ottubru 2004 mill-fond 119, Triq il-Kbira Zurrieq, liema serq u hsara volontarja saru ghad-detriment ta’ Caterina Gauci.

2. Serq u hsara volontarja li saru fit-8 ta’ Dicembru 2004 mill-fond 102, Triq Santa Katerina, Mqabba, liema serq u hsara volontarja saru ghad-detriment ta’ Paul Debattista.

3. Serq u hsara volontarja li saru fil-21 ta’ Dicembru 2004 mill-fond 1, Trejqet il-Barrieri, Zurrieq u li saru ghad-detriment ta’ Clara Zammit.

4. Serq u hsara volontarja li sehhew fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta’ Ottubru 2004 mill-fond 183, Triq il-Gdida, Hal-Luqa u liema serq u hsara volontarja saru ghad-detriment ta’ Carmel Magri.

F’dawn il-proceduri xehdu l-vittmi kollha nvoluti u gew prezentati il-processi verbali relattivi ghall-Inkjesti Magisterjali li saru in konnessjoni ma’ dawn l-incidenti ta’ serq u hsara volontarja. Mix-xhieda tal-Ispettur Anthony Portelli (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 22 sa 27 tal-process) irrizulta li l-Pulizija waslet sabiex tressaq lill-imputat u takkuzah bl-akkuzi odjerni wara li nghatat informazzjoni fir-rigward minn certu Joseph Galea, li dak iz-zmien kien minuri ta’ erbatax–il sena. L-imsemmi Joseph Galea ta din l-informazzjoni lil Pulizija waqt li huwa kien qed jigi interrogat rigward serq ta’ xi *mountain bikes*. Dan Joseph Galea indika li huwa kien involut fl-erba’ serqiet li jiffurmaw il-mertu tal-kaz odjern flimkien mal-imputat Anthony Curmi. Huwa kien ha lil Pulizija fuq il-post ta’ fejn gew effetwati s-serqiet u minn verifiki li ghamlet il-Pulizija irrizulta li effettivament kienu saru serqiet mill-postijiet indikati mill-imsemmi Joseph Galea. Il-Prosekuzzjoni ssostni li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti ta’ Joseph Galea liema proceduri ghaddew in gudikat (ghalkemm irid jigi rilevat li ma ngabet l-ebda prova rigwardanti dawn il-proceduri), u l-imsemmi Joseph Galea imbaghad xehed fil-proceduri odjerni fis-seduta tad-29 ta’ April 2005.

Meta xehed quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta Joseph Galea ghamel referenza ghall-erba' serqiet in dizamina u spjega li huwa kien imur fir-residenzi li jkunu ser jigu misruqa flimkien mal-imputat, kien ihabbat il-bieb u meta ma jiftah hadd l-impuat kien jiftah u jidhol u huwa kien joqghod wara l-bieb sabiex javza lill-imputat jekk ikun gej xi hadd. Joseph Galea semma wkoll li f'wahda mis-serqiet, precizament dik li saret mil-fond bin-numru 119, Triq il-Kbira, Zurrieq hu u l-imputat kienu akkompanjati minn Annalise Buttigieg li dak iz-zmien kienet it-tfajla tal-imputat u Galea jispjega li meta hu u l-imputat hargu mill-imsemmi fond din kienet staqsiethom x'kienu qed jaghmlu gewwa l-imsemmija residenza. Annalise Buttigieg xehdet f'dawn il-proceduri f'zewg okkazjonijiet, fl-udjenza tad-29 ta' April 2005 u f'dik tas-26 ta' April 2007 fejn hija qatt ma kkoroborat il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Joseph Galea izda sostniet li Anthony Curmi. Joseph Galea u hi kienu marru z-Zurrieq jixtru l-pastizzi u nnegat li kienet rat lill-imputat u lil Joseph Galea jidhlu f'xi residenza.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda meta huwa rrilaxxja stqarrija lil Pulizija fil-31 ta' Marzu 2005 (esebita a fol. 31 sa 33 tal-process) huwa innega kategorikament l-involviment tieghu fis-serqiet in dizamina.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Mario Caruana prodott mid-Difiza li sostna li Joseph Galea kien qallu li kien irrisponda kollox fl-affermattiv lil Pulizija sabiex ihalluh jitlaq u anki sabiex ipattiha lill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemm l-ebda dubju li mix-xhieda ta' Joseph Galea stess jirrizulta ampjament li huwa korreu jew fl-aghar ipotesi komplici fir-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat fil-kaz odjern u dan ghaliex meta huwa qaghad ghassa mar-residenzi li kienu qed jigu misruqa u dan sakemm l-imputat allegatament jidhol gewwa, huwa kien qed

jippartecipa b'mod dirett u essenzjali fil-kummissjoni tar-reat li allegatament kien qed jigi esegwit mill-imputat.

Peress li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed issostni l-kaz taghha kontra l-imputat fuq ix-xhieda ta' dan Joseph Galea l-Qorti trid bilfors tezamina l-posizzjoni legali konnessa mal-htiega o meno ta' korroborazjoni tax-xhieda tal-komplici. L-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali jiddpisponi hekk fir-rigward:-

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lil gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserhu fuqha u jaslu biex isibu hati lil akkuzat*.

Din id-dispozizzjoni, kif vigenti llum, giet introdotta fl-imsemmija Kodici permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 li gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006. L-istess subartikolu, qabel din l-emenda, kien jiddisponi hekk :

*'Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat f'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121,124 sa 126, u 138, ikun il-komplici, u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b' cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.'*

Issa l-kaz odjern allegatament sehh f' Ottubru u Dicembru tas-sena 2004, u cioe' qabel ma l-imsemmija dispozizzjoni giet sostitwita b' mod li x-xhieda tal-komplici ma kienitx izjed tehtieg korraborazzjoni.

Il-kwistjoni li tqum hawnhekk hija liema dispozizzjoni ghandha tapplika ghall-kaz in dizamina. Kwistjonijiet simili, ghalkemm mhux identici, gew decizi kemm mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Ravi Ramani** [24.01.1989] kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri** [08.01.1992]. Fis-sentenza in re **Ramani**, il-Qorti qalet hekk:

‘In addition to this as Prof. Sir A. Mamo states in his ‘Notes on Criminal Law’, Vol. 11135 ‘in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.’ This is also in line with the general principles in matters of the retroactive applicability of the law as found in legal doctrine and as explained in the Digesto Italiano (1913-1919 Ed) Vol. XX, Parte Seconda pages 115 to 116 wherein the commentators state: ‘Similmente, appartenendo tutte le leggi probatorie penali alle leggi processuali, sono retroattive di loro natura, cioe’ applicabili non meno ai processi gia’ incominciati ed ai reati commessi prima della loro attrazione che a quelli posteriori alle medesime.’ To this rule authors do admit some exceptions particularly if amendments to the existing law have the effect of defeating or annulling the accused’s fundamental right to defend himself personally or through Counsel.’

Illi fil-kaz in dizamina id-Difiza ssostni li ghandu japplika l-Artikolu 639(3) qabel dan gie emendat permezz tal-Att XVI tal-2006 izda u dan peress li dejjem skond id-Difiza meta xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni kienet ghadha necessarja l-koroborazzjoni tax-xhieda tal-komplici u ghalhekk il-htiega o meno tal-kontro-ezami immedjat ta’ tali xhieda giet deciza f’dan l-isfond mid-Difiza. Il-Qorti izda jidrilha li l-emenda in kwistjoni bl-ebda mod ma tista’ tinghad li teffetwa id-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq u ghalhekk in linea mal-insenjamenti u l-gurisprudenza citati aktar ‘il fuq ghandu japplika l-artikolu 639(3) kif emendat u kif vigenti illum il-gurnata.

Stabbilit dan il-punt izda l-Qorti jidrilha li x-xhieda ta’ Joseph Galea in kwantu xhieda ta’ komplici u in kwantu mhux korroborata ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta’ sejbien u dan ghal diversi ragunijiet fosthom il-fatt li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli permezz tax-xhieda ta’ Mario Caruana u dik ta’ missieru

Alfred Curmi li Joseph Galea qal certu affarijiet lil Pulizija sabiex itaffi r-responsabilita' minn fuqu billi jinvolvi lil terzi, u cioe' lill-imputat. Din il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-kredibilita' tal-imsemmi Joseph Galea u dan qed jinghad anki fl-isfond tal-andament tal-fatti rigwardanti r-rikors inserit a fol. 61 sa 66 tal-process u l-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Marzu 2006 (a fol. 92 tal-atti).

Il-Qorti jidrilha li x-xhieda ta' Joseph Galea wahdu mhux korroborata m'hijex bizzejjed sabiex jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif rikjest mill-ligi. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li l-Prosekuzzjoni setghat facilment talbet li jigu elevati l-impronti digitali tal-imputat sabiex isir ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali u dawk elevati minn fuq il-post fejn saru s-serqiet in dizamina mill-esperti nominati fl-atti tal-inkjesti magisterjali u b'dan il-mod kienet tkun qed tissodisfa l-oneru u l-obbligu taghha li tressaq l-ahjar prova.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------